



2024/321

8.2.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 193/2021

tad-9 ta' Lulju 2021

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/321]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/412 tat-8 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/962 fir-rigward tar-reviżjoni tas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni tal-etossikina bħala addittiv fl-għalf ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/420 tad-9 ta' Marzu 2021 li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1097 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-estratti rikki tal-luteina u tal-luteina/taż-żeaksantina mit-*Tagetes erecta* bħala addittivi tal-għalf għall-pollam (ħlief għad-dundjani) għat-tismin u għall-bajd u għall-ispeċijiet minuri ta' pollam tas-simna u tal-bajd ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/421 tad-9 ta' Marzu 2021 dwar l-awtorizzazzjoni tat-tintura derivata mill-*Artemisia vulgaris* L. (tintura tal-artemisja) bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet tal-annimali kollha ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/422 tad-9 ta' Marzu 2021 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ tal-bajd (id-detentur tal-awtorizzazzjoni: Lactosan GmbH & Co KG) ⁽⁴⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/426 tal-10 ta' Marzu 2021 li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1263/2011 fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-*Lactococcus lactis* (NCIMB 30160) bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali ⁽⁵⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/485 tat-22 ta' Marzu 2021 dwar l-awtorizzazzjoni bħala addittivi fl-għalf taż-żejt essenzzjali tal-ġinġer miż-*Zingiber officinale* Roscoe għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, l-oleoreżina tal-ġinġer miż-*Zingiber officinale* Roscoe għat-tiġieġ tas-simna, it-tiġieġ tal-bajd, id-dundjani tas-simna, il-qżieqeż, il-ħnieżer tas-simna, il-ħnieżer nisa, il-baqar tal-ħalib, l-għoġġiela tas-simna (sostituti tal-ħalib), il-bhejjem tal-ifrat tas-simna, in-nagħaġ, il-mogħoż, iż-żwiemel, il-fniek, il-ħut u l-annimali tad-dar u tat-tintura tal-ġinġer miż-*Zingiber officinale* Roscoe għaż-żwiemel u l-klieb ⁽⁶⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/505 tat-23 ta' Marzu 2021 dwar iċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni tal-aċidu fosforiku 60 % fuq mezz ta' ġarr tas-silika bħala addittiv fl-għalf li jappartjeni għall-grupp funzjonali ta' preservattivi ⁽⁷⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (8) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/506 tat-23 ta' Marzu 2021 dwar l-awtorizzazzjoni tas-sustanza metantijol bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali ⁽⁸⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

⁽¹⁾ ĠU L 81, 9.3.2021, p. 30.

⁽²⁾ ĠU L 83, 10.3.2021, p. 16.

⁽³⁾ ĠU L 83, 10.3.2021, p. 21.

⁽⁴⁾ ĠU L 83, 10.3.2021, p. 25.

⁽⁵⁾ ĠU L 84, 11.3.2021, p. 18.

⁽⁶⁾ ĠU L 100, 23.3.2021, p. 3.

⁽⁷⁾ ĠU L 102, 24.3.2021, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 102, 24.3.2021, p. 4.

- (9) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/507 tat-23 ta' Marzu 2021 li jikkonċerna t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-idroklorur tal-piridossina (vitamina B₆) bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 515/2011 ⁽⁹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (10) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/508 tat-23 ta' Marzu 2021 li jikkonċerna t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39885 bħala addittiv tal-għalf għall-ħnienes miftuma u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 170/2011 (id-detentur tal-awtorizzazzjoni: Prosol S.p.A.) ⁽¹⁰⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/551 tat-30 ta' Marzu 2021 dwar l-awtorizzazzjoni tal-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali u tat-tintura taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. bħala addittiv fl-għalf għaż-żwiemel u l-klieb ⁽¹¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (12) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/507 iħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 515/2011 ⁽¹²⁾ li huwa inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (13) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/508 iħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 170/2011 ⁽¹³⁾ li huwa inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (14) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-għalf ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (15) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 2zw (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1263/2011):

“- **32021 R 0426:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/426 tal-10 ta' Marzu 2021 (ĠU L 84, 11.3.2021, p. 18).”

2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 218 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/962):

“, kif emendat minn:

— **32021 R 0412:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/412 tat-8 ta' Marzu 2021 (ĠU L 81, 9.3.2021, p. 30).”

3. Dan li ġej jiżdied fil-punt 353 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1097):

“, kif emendat minn:

— **32021 R 0420:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/420 tad-9 ta' Marzu 2021 (ĠU L 83, 10.3.2021, p. 16).”

⁽⁹⁾ ĠU L 102, 24.3.2021, p. 8.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 102, 24.3.2021, p. 11.

⁽¹¹⁾ ĠU L 111, 31.3.2021, p. 3.

⁽¹²⁾ ĠU L 138, 26.5.2011, p. 40.

⁽¹³⁾ ĠU L 49, 24.2.2011, p. 8.

4. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 398 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/367):

- “399. **32021 R 0421:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/421 tad-9 ta' Marzu 2021 dwar l-awtorizzazzjoni tat-tintura derivata mill-*Artemisia vulgaris* L. (tintura tal-artemisja) bħala addittiv tal-ġhalf għall-ispeċijiet tal-annimali kollha (ĠU L 83, 10.3.2021, p. 21).
400. **32021 R 0422:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/422 tad-9 ta' Marzu 2021 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 7134 bħala addittiv tal-ġhalf għat-tiġieġ tal-bajd (id-detentur tal-awtorizzazzjoni: Lactosan GmbH & Co KG) (ĠU L 83, 10.3.2021, p. 25).
401. **32021 R 0485:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/485 tat-22 ta' Marzu 2021 dwar l-awtorizzazzjoni bħala addittivi fl-ġhalf taż-żejt essenzzjali tal-ġinġer miż-*Zingiber officinale* Roscoe għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, l-oleoreżina tal-ġinġer miż-*Zingiber officinale* Roscoe għat-tiġieġ tas-simna, it-tiġieġ tal-bajd, id-dundjani tas-simna, il-qżieq, il-ħnieżer tas-simna, il-ħnieżer nisa, il-baqar tal-ħalib, l-ghoġġela tas-simna (sostituti tal-ħalib), il-bhejjem tal-ifrat tas-simna, in-nagħaġ, il-mogħoż, iż-żwiemel, il-fniek, il-ħut u l-annimali tad-dar u tat-tintura tal-ġinġer miż-*Zingiber officinale* Roscoe għaż-żwiemel u l-klieb (ĠU L 100, 23.3.2021, p. 3).
402. **32021 R 0505:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/505 tat-23 ta' Marzu 2021 dwar iċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni tal-aċidu fosforiku ta' 60 % fuq substrat tas-siliċe bħala addittiv fl-ġhalf li jagħmel parti mill-grupp funzjonali tal-preservattivi (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 1).
403. **32021 R 0506:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/506 tat-23 ta' Marzu 2021 dwar l-awtorizzazzjoni tas-sustanza metantjol bħala addittiv fl-ġhalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 4).
404. **32021 R 0507:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/507 tat-23 ta' Marzu 2021 li jikkonċerna t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-idroklorur tal-piridossina (vitamina B₆) bħala addittiv tal-ġhalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 515/2011 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 8).
405. **32021 R 0508:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/508 tat-23 ta' Marzu 2021 li jikkonċerna t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39885 bħala addittiv tal-ġhalf għall-ħnienes miftuma u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 170/2011 (id-detentur tal-awtorizzazzjoni: Prosol S.p.A.) (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 11).
406. **32021 R 0551:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/551 tat-30 ta' Marzu 2021 dwar l-awtorizzazzjoni tal-estratt taż-żagħfran tal-Indja, iż-żejt taż-żagħfran tal-Indja, l-oleoreżina taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. bħala addittiv fl-ġhalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali u tat-tintura taż-żagħfran tal-Indja mir-riżoma tal-*Curcuma longa* L. bħala addittiv fl-ġhalf għaż-żwiemel u l-klieb (ĠU L 111, 31.3.2021, p. 3).”

5. Jitħassru t-testi tal-punt 2zf (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 515/2011) u tal-punt 2t (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 170/2011).

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/412, (UE) 2021/420, (UE) 2021/421, (UE) 2021/422, (UE) 2021/426, (UE) 2021/485, (UE) 2021/505, (UE) 2021/506, (UE) 2021/507, (UE) 2021/508 u (UE) 2021/551 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2021, dment li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit konstituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2021.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Rolf EINAR FIFE
